## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 411/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C.Spiteri)**

**vs**

**Francine Ċini**

Seduta tal-20 ta' Settembru, 2019

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Francine Ċini, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 886(G) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Mejju, 2017 għall-ħabta tas-20.00hrs, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija, Triq ir-Repubblika, Rabat Għawdex:

1. Bil-qerq ħolqot jew ġgħelt jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni oħra bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat.

2. Iddenunzjat lil-Pulizija Eżekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqot it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbnew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-23 ta' Ottubru, 2018, li biha ma sabitx lill-imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha illiberata, izda sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni u kkundannata għal tmien xhur priġunerija. Inoltre ai termini tal-Artikolu 553 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannat lill-imputata għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-kawża, fl-ammont ta' tliet mija tnejn u disgħin Euro u disgħin ċenteżmu (**€392.90**) u li ghandhom jitħallsu f" żmien xahar mid-data tas-sentenza;

Il-Qorti ordnat divjet fuq l-ismijiet kollha tat-tfal imsemmija fis-sentenza minn kull mezz ta' xandir u pubblikazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Francine Cini, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-6 ta' Novembru, 2018, li bih talbet li tkun **annullata u mhassara** s-sentenza appellata fil-kaz li jkun milqugh l-ewwel aggravju u fil-kaz li l-ewwel aggravju jkun michud allura talbet ir-**riforma** tas-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponent mhux ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni, **tħassar**,

tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza f'dik il-parti li biha sabiltha hatja tat-tieni imputazzjoni, u fl-eventwalita` li ma tilqax l-aggravju dwar il-meritu, **tvarja** l-istess sentenza appellata f''dik il-parti tagħha li tirrigwarda il-piena inflitta;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat :

1. Illi l-appellanta tillanja s-sentenza appellata b'erba aggravji: l-ewwel wiehed dwar aspett procedurali, it-tieni u t-tielet fil-mertu senjatament dwar l-apprezzament zbaljat tal-ligi u tal-provi u r-raba wiehed dwar il-piena kominata. L-ewwel aggravju kien irtirat fl-udjenza tal- 24 ta' Mejju, 2019. Ghalhekk il-qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju u konsegwentement tastjeni ukoll milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tal-appellanta stante li din kienet marbuta biss mal-ewwel aggravju;

2. Illi fit-tieni aggravju l-appellanta tressaq l-argument illi l-perit legali ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi ghaliex bil-fatti imputati qatt ma setghet tirrizulta ir-reita' taht l-Artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9. Tajjeb ghalhekk li l-ewwel ikunu mqieghda in rassenja l-fatti ta' dan il-kaz;

3. Is-segwenti fatti huma mehuda mir-rapport tal-perit legali nominat mill-Qorti sabiex jisma' x-xhieda u jirrelata dwar il-kaz. Il-Qorti opportunement tfakkar illi fit-termini tal-artikoli 646(1) tal-Kodici Kriminali, ghajr ghal xi cirkostanzi t'eccezzjoni, ix-xhieda ghandhom jinstemghu mill-Qorti *viva voce*. Fil-kaz odjern il-Qorti kienet innominat perit legali proprju fl-ewwel udjenza minghjar ma inghatat raguni dwar jekk kienx hemm tali cirkostanza li jimmerita hekk. Tajjeb li jkun osservat illi ottemperanza aktar stretta ma' dak li tipprovdi l-ligi jgib mieghu anqas kumplikazzjonijiet u konsegwentement anqas dewmien fil-proceduri.

4. Ventilat dan, u wara ricerka fl-istess relazzjoni peritali li ma jidhirx li ghandha xi sekwenza partikolari fir-rakkont tal-provi li allura johloq certu diffikulta kronologika biex tiftiehem, jirizulta illi fit-8 ta' Mejju, 2017, is-Surgent 698 Shaun Tabone stazzjonat l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex, kien prezenti meta l-imputata gabret lit-tfal taghha mill-ghassa. Dawn it-tfal huma tal-appellanta u ta' certu Domenic Zammit, l-ex partner taghha li jghix flimkien ma' certu Angelica Gun Margit Borst. L-iskambju tat-tfal jidher li jsir gewwa l-ghassa tal-Pulizija;

5. Appena kif inghad, l-appellanta gabret lit-tfal ghamlet rapport ma' PS 698 li bintha kienet ghada kemm qaltilha li Angelica Borst kienet qed issawwat lill-uliedha. Dak il-hin hegget lill-bintha l-kbira tirrakkonta lis-surgent dak li taf fejn qalet li meta kienu qeghdin gewwa trakk ix-xaghra, ohta z-zghir bdiet tibki ghat-*tablet,* Angelica bdiet tghajjat maghha u tatha daqqa. Fuq din l-informazzjoni is-Surgent talab lil Domenic Zammit jirritorna l-ghassa fejn stqarr li ma kien jaf xejn in rigward u dak il-hin bintu esklamat li dak li qalet ma kienx minnu u li kienet ommha li qaltilha tghid hekk dwar Angelica.

WPC 194 ikkonfermat dan kollu ghaliex kienet prezenti kif ukoll illi wara li l-imputata intbaghtet ghand tabib biex jezamina lit-tifla rrizulta li ma kienet subbiet ebda offiza;

6. Illi ghalhekk l-Pulizija Ezekuttiva ghazlet illi tressaq lill-imputata quddiem il-Qorti biex twiegeb ghall-zewg imputazzjonijiet ravvizati fis-subartikolu (1) u (2) tal-Artikolu 110 tal-Kodici Kriminali, holqien qarrieq ta' provi foloz u holqien ta' reat jew tracci ta' reat li taf li ma sarx. Il-qorti ma sabitx htija fl-ewwel imputazzjoni igifieri fl-artikolu 110 (1) izda irrizultawlha l-elementi fuq it-tieni imputazzjoni u ghalhekk sabitha hatja fir-rigward. L-aggravju tal-appellant, igifieri l-ewwel parti tieghu li jitratta l-aspett legali, huwa dwar li l-fatti tal-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat addebitat lill-appellanta.

7. **L-aggravju**:

L-argument mressaq mill-appellanta hu li l-fatti ta' dan il-kaz partikolari ma jirrientrawx fl-elementi tar-reat ravvizzat fl-artikolu 110 (2) ghaliex dawn huma kontemplati fl-artikolu 101 (1) li jirrigwarda l-kalunja. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **101 (1) Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati .....**

8. **Ir-reat in disamina**:

> **110 (2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.**'

9. Il-Qorti opportument taghmel referenza ghal dak li jirritjeni l-Professur Mamo fit-Tieni Parti ta' Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 (a fol 60) citat ukoll mill-appellanta fl-argument minnha mressaq: "*The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it....... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not therefore the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged...... The simulation may be either verbal or direct or real and indirect. The former must consist in a denunciation, that is an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information or report or complaint; so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it.... Finally, the **denunciation must be made without specifying the supposed offender**: otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation.... A real or indirect simulation would be had in the case of a person who, in order to make believe that he is a victim of a crime, creates traces of the offence in order to give an appearance of reality to the simulated crime, in such a manner as to cause the Police to further investigations and the enquiry of the in genere leading to the discovery of the author of the supposed crime.*'

10. Il-Professur Mamo igib bhala eżempju ta' dan ir-reat, lil xi ħadd li jrid juri ruħu bħala vittma ta' serqa billi jkisser il-qofol, iħalli sellum mal-ħajt jew fil-binja, jew ċavetta falza fit-toqba taċ-ċavetta biex jagħti l-apparenza ta' reat simulat.

11. Fil-kawza 'Il-Pulizija v Joseph Zahra' deċiża fit-22 ta' Settembru 2010 mill-Qorti tal-Appell Kriminali il-Qorti ccitat ukoll lill-Professur Mamo u fil-kaz minnha skrutinat iddecidiet illi *'F'dan il-każ, l-appellant speċifika l-persuni li dwarhom irraporta allegati movimenti u intriċċi. Għalhekk ma setax jinstab ħati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali.'*

12. Fil-kaz odjern, l-appellanta ddenunzjat lill-persuna partikolari, Angelica Gun Margit Borst b'fatt specifiku li din tal-ahhar sawtet lil bintha allegatament meta kienet taf li dak ma kienx minnu. Issa, f'dan l-kaz, hemm ukoll element ta' simulazzjoni billi kien allegat li l-imputata gieghlet lill-bintha tghid li kienet issawtet minn Borst. F'dan il-kaz jista' jkun meritevoli ta' diskussjoni profonda jekk l-fatti speci jirravizzawx ukoll l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali la darba hemm allegazzjoni ta' holqien ta' fatt sabiex dawn jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, izda l-appellanta kienet liberata in rigward ta' dan l-istess reat;

13. Ezaminata r-relazzjoni tal-perit legali li l-ewwel Qorti abbracjat u ghamlet taghha, jemergi illi l-istess perit legali kien zbaljat meta kkonkluda li jirrizulta pruvat r-reat ravvizat fis-subartikolu (2) tal-artikolu 110;

14. Minkejja li l-perit legali ccita s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi tas-16 ta' Frar, 1998, huwa ma segwiex l-insenjament emergenti mill-istess sentenza. Gia f'dik is-sentenza hemm in rassenja id-distinzzjoni bejn ir-reat kkontemplat fl-artikolu 110(1) u s-subartikolu (2) bid-differenza bejnithom tkun li ta' l-ewwel, mhux bizzejed li jkun hemm id-denunzja ta' persuna dwar reat li tkun taf li ma sehx ghaliex dak huwa ir-reat kontemplat fl-artikolu 101. Jehtieg li oltre d-denunzja, jkunu inholqu tracci ta' reat sabiex jingieb bi prova kontra l-persuna denunzjata;

15. Iz-zewg reati huma differenti. L-ewwel subartikolu jikkontempla r-reat tal-kalunja reali jew indiretta konsistenti fil-holqien bil-qerq ta' reat bil-ghan li dan jiswa bhala prova <u>kontra persuna ohra</u>. It-tieni reat jirreferi ghal-denunzja ta' reat minn agent li jkun jaf li dak ir-reat ma sehhx u dan minghajr ma jindika espressament l-persuna responsabbli ghal dak ir-reat inezistenti;

16. Fl-istess sentenza, l-Qorti spjegat ukoll l-elementi tar-reat ravvizat fl-artikolu 110(2) konsistenti f'denunzja ta' reat li l-agent ikun jaf li ma sehhx (simulazzjoni verbali jew diretta) jew holqien ta' tracci ta' reat bil-qerq u bil-hsieb li dawn jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex ikun zgurat li dak ir-reat sehh (simulazzjoni reali jew indiretta);

17. Kif tajjeb issottometta l-abbli difensur tal-appellanta, din qatt ma setghet tinsab hatja tar-reat ravvizat fis-subartikolu (2) **simulazzjoni ta' reat** fejn is-simulazzjoni ma hi diretta biex tikkalunja ebda persuna in partikolari izda intiza biex tagevola lill-agenti li jgieghel jemmen lill-awtorita` li sehh dak ir-reat ghal xi vantagg tieghu;

18. Francesco Antolisei – Manuale Di Diritto Penali – Parte Speciale II – Terza Edizione Invariata – 1957 – fit-tratt tieghu dwar l-artikolu 367 tal-Kodici Penali Taljan, Simulazione di reato, jispjega illi "*Scopo dell'incriminazione e' di impediri che gli organi destinati all'accertamento e alla repressione dei reati vengano messi in moto inutilmente: in altri termini, di evitare che la macchina della giustizia penale sia fatta lavorare a vuoto, con sperpero di temp e di energia".* L-artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 ghandu mill-istess elementi tal-artikolu 367 tal-Kodici Penali Taljan u l-qofol tat-trattat tal-Antolisei relevanti ghall-kwistjoni hawn diskussa huwa dwar l-elementi ta' dan ir-reat ghaliex wara li jispjega illi dan id-delitt jista' jimmanifesta ruhu f'zewg forom, is-simulazzjoni formali jew diretta minn naha u s-simulazzjoni reali jew indiretta jew materjali jispjega ulterjorment l-elementi ta' dan ir-reat bir-raba' wiehed li hu ta' aktar rilevanza ghal dan l-appell;

19. Fir-raba element ta' dan ir-reat, l-Antolisei huwa car fil-hsieb tieghu: "*L-ultima condizione e' negativa. Non deve trattarsi di incoolpazione personale, vale a dire, il-fatti non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche altrimenti si acrebbe il-delitto piu' grave di calunia. Per l-incontro si rimane nei limiti della simulazione, se il reato inesistente viene attribuito, in modo esplicito o implicito, ad autori ignoti od anche ad una persona immaginaria*".

20. Meta' l-perit legali ccita s-sentenza Mizzi kellu esposta quddiemu d-differenza bejn l-artikolu 110(1) u l-artikolu 101 u jidher li interpreta erronjament id-distinzjoni bejn it-tnejn liema interpretazzjoni kkonduciet ghal sejbien ta' htija kontra l-appellanta fit-tieni imputazzjoni. Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif seta` gara dan meta anke l-fatti speci ta' dak il-

kaz citat kellhom hafna mill-kaz odjern fejn allura, apparti l-htija o meno f'dak il-kaz, ghaliex kull kaz huwa deciz fuq il-fatti speci tieghu, l-insenjament dwar id-dottrina applikabbli kienet spjegata b'mod car u kellha sservi bhala gwida idonea gharr-rispoluzzjoni tal-kaz hawn skrutinat;

21. In konkluzzjoni, l-fatti ta' dan il-kaz qatt ma kellhom jaghtu lok ghall-proceduri fit-termini tal-artikolu 110(2) – ma kienx hemm denunzja ta' reat jew holqien ta' tracci ta' reat biex l-awtorita' tkun zgura li sehh dak ir-reat minn xi hadd mhux maghruf. Inoltre la darba kien hemm denunzja kontra persuna specifika ta' kommissjoni ta' reat indentifikat meta d-denunzjanta kienet taf li dak ir-reat qatt ma sehh allura u l-fatti kellhom ikunu ezaminati mill-ottikka tal-artikolu 101 (1) kif fil-fatt gara izda l-imputata kienet liberata. L-allegazzjoni li l-appellanta kienet gieghlet lil bintha tghid li kienet issawtet mid-denunzjata jirrizulta, anke jekk dibattibbli, l-holqien ta' reat bil-hsieb ta' prova kontra persuna u dan jaghmel ukoll mill-elementi tal-artikolu 110 (1). L-appellanta ghalhekk ghandha ragun f'dan l-ewwel aggravju;

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tieghu konjizzjoni tal-ewwel aggravju u tal-ewwel talba tal-appellanta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' aggravji; tilqa' t-tieni talba ghat-tibdil tas-sentenza appellata u konsegwentement tikkonfermaha f'dik il-parti li biha lliberat lill-appellanta mill-ewwel imputazzjoni u thassaraha f'dik il-parti li fiha sabitha hatja tat-tieni imputazzjoni u kkundannata għal piena ta' tmien xhur priġunerija u fejn ikkundannatha tħallas l-ispejjeż tal-esperti u minflok qed tillibera lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni u teħlisha minn kull piena.

**Il-Qorti tordna divjet fuq l-ismijiet tat-tfal imsemmija f'dawn il-proceduri**.

Giovanni Grixti
Imħallef